MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 539/2009

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**kontra**

1. **Sovereign Hotels Limited (C10538)**
2. **Taormina Holdings Limited (C4774)**
3. **Ronald Azzopardi (K.I. 700661)**

**Il-Qorti :**

**Dan huwa provvediment wara rikors tal-Amministratur Provvizorju Av. Dr. Richard Galea Debono tal-21 ta` Marzu 2012 (fol.1479).**

## I. <u>Preliminari</u>

Illi fir-rikors tieghu, u ghar-ragunijiet hemm specifikati, l-Av. Dr. Richard Galea Debono talab illi jkun ezonerat mill-inkariku ta` Amministratur Provvizorju tal-kumpannija Sovereign Hotels Limited.

Illi mar-rikors kienu annessi xi dokumenti.

Illi b`digriet taghha tat-23 ta` Marzu 2012, il-Qorti ordnat in-notifika lill-partijiet bi zmien tmint ijiem biex iwiegbu.

Illi l-HSBC Bank Malta plc u Sovereign Hotels Limited wiegbu b`risposti separati fl-10 ta` April 2012.

Illi fir-risposta taghha HSBC Bank Malta plc tghid illi din il-Qorti ghandha tghaddi kemm jista` jkun malajr ghx-xoljiment u stralc tal-kumpannija Sovereign Hotels Limited u tahtar stralcjarju.

Illi fir-risposta taghha Sovereign Hotels Limited iddikjarat ruhha illi ma kenitx qeghda topponi l-ezoneru tal-Av. Dr. Richard Galea Debono mill-hatra ta` Amministratur Provvizorju.

Illi wara illi rat ir-risposti, din il-Qorti, b`digriet taghha tat-12 ta` April 2012, irriservat illi taghti provvediment wara illi tisma` lill-partijiet fl-udjenza tat-22 ta` Mejju 2012.

Illi f`dik l-udjenza xehed l-Av. Dr. Richard Galea Debono.

Illi fl-udjenza ta` wara u cioe` dik tat-12 ta` Gunju 2012 xehed l-intimat Ronald Azzopardi. Imbaghad saru sottomissjonijiet mid-difensuri. Fl-istess udjenza l-Qorti tat lill-partijiet terminu ta` gimgha sabiex jipproponu l-ismijiet ta` persuni kompetenti li jistghu jaqdu l-funzjoni ta` Amministratur Provvizorju ta` Sovereign Hotels Limited.

Illi l-procediment thalla ghal-lum sabiex il-Qorti tipprovdi dwar ir-rikors.

## II. <u>Provvediment</u>

Din il-Qorti semghet ix-xhieda u s-sottomissjonijiet..

Sejra tirrispetta x-xewqa tal-Av. Dr. Richard Galea Debono illi ma jkomplix jaqdi l-funzjoni ta` Amministratur Provvizorju tal-kumpannija Sovereign Hotels Limited ghar-ragunijiet li accenna ghalihom fir-rikors u fisser f`aktar dettall fid-deposizzjonijiet tieghu.

Hija mhassba ferm illi bir-ragunijiet tal-Av. Dr. Galea Debono.

Hija perturbata bl-imgieba ta` Ronald Azzopardi bhala direttur ta` Sovereign Hotels Limited li, huma x`hinuma l-motivazzjonijiet tieghu, donnu sabha bi tqil, akkost illi jsib ruhu rinfaccjat bi ksur tal-ligi illi ghad irid iwiegeb ghalih, jekk ikun il-kaz, irid jifhem illi bil-hatra tal-Amministratur Provvizorju skond id-digriet ta` din il-Qorti tal-15 ta` Ottubru 2009 l-amministrazzjoni tal-finanzi u kontabilita` tal-kumpannija m`ghadhiex taht il-kontroll tieghu izda ghaddiet taht ir-responsabilita` tal-Amministratur Provvizorju.

Mhijiex sejra tittratta l-imgieba ta` Ronald Azzopardi sal-lum bhala *tabula rasa* izda fl-istess waqt, wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat tieghu, qeghda taghzel illi almenu f`dan l-istadju ma tiehux provvediment dwar l-imgieba ta` Ronald Azzopardi bhala direttuir ta` Sovereign Hotels Limited bl-intiza cara illi l-imgieba futura tieghu sejra tkun taht skrutinju kif sejjer jinghad halli din il-Qorti tassikura ruhha li pendenti d-decizjoni dwar ix-xoljiment u stralc tal-kumpannija Sovereign Hotels Limited it-tmexxija tal-finanzi u kontabilita` taghha jkun mera ta` trasparenza. Tirriserva ghalhekk illi tipprovdi xort`ohra dwar l-imgieba ta` Ronald Azzopardi kemm waqt il-gestjoni tal-Av. Dr. Galea Debono kif ukoll fil-futur fil-kaz illi jirrizulta li l-istess Ronald Azzopardi jibqa` inadempjenti.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors tal-Av. Dr. Galea Debono tal-21 ta` Marzu 2012 kif gej –**

**Tilqa` t-talba tal-Av. Dr. Richard Galea Debono u tesonerah milli jkompli fl-inkariku ta` Amministratur Provvizorju tal-kumpannija Sovereign Hotels Limited (C10538) b`effett mil-lum.**

**Tordna lill-Av. Dr. Richard Galea Debono sabiex, fi zmien xahar mil-lum, ihalli mar-Registratur tal-Qorti l-atti kollha tal-amministrazzjoni tieghu, inkluz rapport shih u guramentat tal-amministrazzjoni tieghu.**

**Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien xahar mid-data tal-presentata tal-atti tal-amministrazzjoni tal-Av. Dr. Richard Galea Debono kif fuq inghad, jintaxxa d-drittijiet u l-ispejjes kollha tieghu bhala Amministratur Provvizorju tal-kumpannija Sovereign Hotels Limited (C10538).**

**Tvarja d-digriet taghha tal-15 ta` Ottubru 2009 billi tghid illi Ronald Azzopardi u l-kumpannija Sovereign Hotels Limited *in solidum* bejniethom ghandhom provvizorjament ihallsu d-drittijiet u l-ispejjez kollha tal-Av. Dr. Richard Galea Debono bhala Amministratur Provvizorju tal-kumpannija Sovereign Hotels Limited (C10538) inkluz il-hlas tal-prestazzjonijiet li qieghed jigi ordnat jaghmel bil-provediment tal-lum.**

**Tahtar in sostituzzjoni tal-Av. Dr. Richard Galea Debono fl-inkariku ta` Amministratur Provvizorju tal-kumpannija Sovereign Hotels Limited (C10538) b`effett mil-lum lill-Av. Dr. Andrew Borg Cardona.**

**Tghid illi d-digriet taghha tal-15 ta` Ottubru 2009, kif varjat illum, ghandu jibqa` ighodd fil-kaz tal-Amministratur Provvizorju l-gdid, bl-aggunta illi l-Av. Dr. Andrew Borg Cardona ikun obbligat illi tal-inqas kull xahrejn jaghti rendikont tal-andament tal-amministrazzjoni tieghu, bl-obbligu illi jissenjala tempestivament u minghajr dewmien kull sitwazzjoni li tkun qeghda jew li tkun tista` tfixkel lill-Amministratur Provvizorju fil-qadi tad-dmirijiet tieghu.**

**Salv kif fuq inghad, l-ispejjez mil-lum `il quddiem jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------